# MILL-ISTORJA TAL-BANDA SAN ĠORĠ M - IS-SNIN 1893 - 1894

Hi ħaġa magħrufa fiċ-ċert li l-Każin Banda San Ġorġ M ġie ffurmat fl-1893 u, għalhekk, ħames snin oħra, jagħlaq mitt sena. M'hemm ebda dubju li din is-sena hi korretta u preċiża, tant li f'ittra anonima kontemporanja mibgħuta lill-gazzetta **Il-Ħabbar** u ppubblikata fl-20 ta' Diċembru, 1893, insibu miktub ċar u tond dawn il-kelmiet: "Hawn Ħal Qormi daż-żmien għandna żewġ baned." Mela din l-ittra ma tħalli ebda dubju li l-banda, li l-kittieb isejħilha **Filarmonica San Giorgio,** saret fl-1893. Id-diffikultà l-kbira hi li wieħed isib id-data preċiża (mhux is-sena biss) meta twaqqfet, ħaġa li s'issa ma skoprejnihiex.

Jingħad li l-Banda San Ġorġ daqqet fuq il-Palk Prinċipali, li għadu jintuża sal-lum, fil-festa tal-1893 meta żżanżnet l-istatwa tal-Gran Mastru Manoel Pinto, xogħol sabiħ ta' Karlu Darmanin. Dak iż-żmien, il-festa kienet issir f'nhar San Ġorġ, fit-23 ta' April. U hekk sar fl-1893. F'dan il-każ, allura, wieħed jassumi li l-banda ġiet iffurmata fl-ewwel xhur ta' din is-sena.

M'hemm ebda dubju li l-istatwa ta' Pinto saret żgur sal 1893 għax ittra anonima dwar il-festa ta' San Ġorġ, fil-gazzetta **Malta Tagħna** tas-6 ta' Mejju 1893, tgħid hekk dwarha u dwar il-baned li daqqew fil-festa: "Kulħadd faħħar wisq il-baned, u speċjalment dik tal-Ġużeppini li daqqet fuq il-palk tal-pjazza tal-Knisja fejn hemm il-famuża statwa li tirrapreżenta l-Gran Mastru Pinto, statwa li għamlet unur lill-artista li għamilha, is-sur C. Darmanin."

Il-fundatur tal-banda hu meqjus li kien is-sur Ġużeppi Farrugia u, għaldaqstant, min jaf jekk il-kittieb ta' din l-ittra kienx qiegħed jirreferi għall-banda l-ġdida meta alluda għal "tal-Ġużeppini"?

Fl-imgħoddi, il-baned Qormin kienu jagħtu sehemhom ukoll fil-festi sekondarji u hu appuntu f'ittra anonima lill-gazzetta **Malta Tagħna** tas-27 ta' Jannar 1894 li nsibu dettalji dwar is-sehem tal-Banda San Ġorġ fil-festa ta' San Bastjan li kienet issir fil-knisja ż-żgħira tal-qaddis u li kienet għadha kemm tlestiet fl-1890. Jgħidilna l-kittieb li, lejlet il-festa, jiġifieri fid-19 ta' Jannar 1894," ..brijosament, fost il-ferħ u l-kwiet ta' kulħadd, wara passadoppju li nbeda minn fejn il-Matriċi Knisja u spiċċa fil-pjazza ta' quddiem il-knisja filjali; bdiet iddoqq il-banda l-ġdida tal-Każin San Ġorġ, diretta mill-imfaħħar Surmast Ġius. Portelli li biż-żelu tiegħu, sew sew wara ftit kunċerti, b'animu l-aktar kuraġġuż għaxxaq lil kull minn kien jisma' l-ħlewwa tal-melodijiet diretti minnu."

Din l-ittra, fil-fatt, toħloq problema għax is-surmast tal-banda bejn l-1893 u l-1898 kien Carmelo Abela. U għalhekk wieħed jistaqsi, min kien is-surmast Portelli? Mhux imniżżel fl-elenku tas-surmastrijiet tal-Każin għalkemm jista' jkun li, minħabba xi raġuni partikolari, kien ħa ħsieb il-banda għal dan l-avveniment.

**JOSEPH F. GRIMA B.A. Hons.**



*Ritratt tal-Banda San Ġorġ Martri meħud disgħin sena ilu fl-1898. Jidhru wkoll is-sur Emmanuel Farrugia li kien President mill-1896 sa l-1901 u s-Sur Vincenzo Carabott li aktar tard inħatar bħala Surmast Direttur mill-1900 sal-1909.*



*Il-Banda San Ġorġ Martri fl-1926 flimkien mas-Surmast Ganni Vella, fil-bitħa ta' post qadim li twaqqa' biex floku nbniet d-dar sabiħa Nru. 58, Triq il-Kbira, jiġifieri ftit metri l-bogħod mill-Każin fejn jinsab illum. Tispikka l-uniformi bajda u s-serjeta tal-Bandisti, xhieda ta' kemm ta' qabilna kienu kburin bis-Soċjetà tagħna.*




*Jingħad li l-Banda Filarmonika San Ġorġ Martri kellha din id-dar Nru. 372, Triq il-Kbira, Ħal-Qormi għal ftit taż-żmien bħala Każin tagħha.*


# CHIKO'S TAILORING

## LADIES AND GENTS

*Main Str., Qormi.*

*Tel. 493977*



## M. DEBONO JEWELLERY (MARIO)

Manufacturing
Gold & Silver & repairs
★ Gold & Silver ★ Alpacca
★ Pearls

91A, TRIQ KORREA QORMI
(KANTUNIERA MA' GRECH TAL-KMAMAR TAL-BANJU)

